

It-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mis-sentenza appellata billi ġie konkluż li l-appellanti aderixxiet mal-ftehim tat-territorju tad-domiċilju li jirriżulta mill-parteċipazzjoni tar-rappreżentant tagħha f'laqgħa u li, għaldqasant, il-ġurisprudenza tat-tbегhid pubbliku kienet applikabbli għaliha.

It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mis-sentenza appellata billi ġie konkluż li l-appellanti setgħet tikkonfuta l-preżunzjoni ta' adegżjoni mal-prinċipju ta' territorju tad-domiċilju, li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tar-rappreżentant tagħha, biss billi "tbiegħed pubblikament" lilha nnifisha fil-laqgħa.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2139 finali li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2018 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla Estiża) fit-13 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-680/13: Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea et**

(Kawża C-597/18 P)

(2018/C 427/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Appellant*: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. de Gregorio Merino, E. Chatziioakeimidou, I. Gurov, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura*: Dr. K. Chrysostomides & Co. LLC et, Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Bank Ċentrali Ewropew, Il-Grupp tal-Euro, irrappreżentat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla l-partijiet tas-sentenzi appellati li fihom il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill fir-rigward tal-Grupp tal-Euro;
- tordna lill-appellati jħallsu l-ispejjeż tal-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell tal-Kunsill huwa intiż li jannulla l-partijiet tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill fir-rigward tal-Grupp tal-Euro u hija bbażata fuq ir-raġunijiet li ġejjin:

- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Grupp tal-Euro huwa "korp tal-Unjoni stabbilit formalment mit-Trattati";
- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill waqt li naqset milli tidentifika xi "setgħat" mogħtija mit-Trattati lill-Grupp tal-Euro;
- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-ammissjoni tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, imqajma mill-Kunsill, tirriżulta fl-"istabbiliment, fi hđan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea stess, ta' entitajiet li l-atti u l-aġir tagħhom fl-Unjoni Ewropea ma jistgħux jirriżultaw f'responsabbiltà għall-Unjoni Ewropea".